# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tal-erbatax il-laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 1 t'Awissu 2011 fil-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard<br>Is-Sur Tony Formosa<br>Is-Sinjura Helen Montebello<br>Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami (Skuzat) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghat-tlettax il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti s-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## 1. Talba

Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni mqajjma mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys ghal minuti numru 13.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 13

Il-minuti tat-tlettax il-laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjura Helen Montebello.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal hu kellu kuntatt mas-sorijiet ta' kunventi fejn jistghu jsiru dawn in-'Night Shelters', pero dawn il-persuni ma min irid isir kuntat jinsabu bil-btala. Ghalhekk aktarx ikun ahjar jekk wiehed jistenna ix-xahar ta' Awissu biex isiru dawn il-laqghat. Forsi ikun possibbli li ssir laqgha mal-madre tal-Agostinjani qabel dan iz-zmien.

4.2 Rigward il-kwistjoni tal-arbli tad-dawl ic-Chairperson, s-Sur Ronald Briffa flimkien mas-Sur Antoine Attard iltaqghu mas-Sur David Bonanno tal-Enemalta. Issa ghandha ssir laqgha gewwa l-kunsill il-gimgha 5 ta' Awissu 2011fl-10.00a.m. fejn sa jkunu prezenti rapprezentanti tal-Enemalta, tal-Go plc kif ukoll tal-Melita biex jitnehhew dawn l-arbli zejda.

4.3 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa spjega li l-laqgha dwar dan il-bieb kellha issir din il-gimgha imma peress li s-Sur Michael Fenech Adami jinsab imsiefer din ma tistax issir.

Huwa informa ukoll li l-Onor. Chris Said ha jiehu il-progett f'idejh u sa jkun huwa stess li sejjer jaghmel l-applikazjonijiet necessarji.

4.4 Dwar il-BOQ tas-soft area ta' hdejn Santa Monika c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li kellmu il-perit hu qallu li l-applikazjoni tad-DNO aktarx li l-applikazzjoni kellha tigi mdahhla din il-gimgha. Dwar it-tabelli, dawn ghandhom jigu imwahhla f'qasir zmien u li t-tabelli kienu ordnati.

4.5 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa staqsa ghalfejn ma sarux il-linji sofor fi triq l-Indjana. Is-segretarju qal li dawn ghandhom isiru din il-gimgha ma xoghol iehor gewwa Birkirkara.

4.6 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li hu ltaqa' mas-Sur Mario Said. Dan qal li s-saqaf li xtaqu jizviluppaw ma kienx possibbli ghax dak huwa kkunsidrat bhala *front garden*. Kieku kien possibbli kien jizviluppah huwa stess. Huwa qal ukoll li dan il-post kien sejjer jinbiegh. Dwar il-problema tat-trailers huwa qal li kif ga qal il-post ha jinbiegh pero jkun possibbli li jaghti tarmac biex il-post jidher ahjar.

4.7 Ic-Chairperson, dwar l-Arriva qal li suppost is-servizz ghandu jitranga u li l-problema ta' Fleur-de-Lys suppost ghandha tigi solvuta mar-riforma li jmiss.

4.8 Dwar il-laqgha mal-Pulizija s-segretarju qal li din ghandha ssir wara l-festa.

4.9 Dwar l-applikazzjoni ghall-fondi ic-Chairperson qal li hu dahhal din l-applikazzjoni. Peress li il-BOQ turi ammont ta' €168,000 huwa jistenna li il-kumitat jiehu l-massimu, jigifieri l-€20,000. Fost affarijiet ohra ghandhom ssiru gabbana, bicciet bit-turf u ticcekken il-konka tan-nofs. Ghandhu jssir access iehor. Ghandu jinkiteb ukoll il-kliem 'Fleur-de-Lys' mal-hajt ta' hdejn ir-roundabout li ghandu jzid l-identita lill-lokalita. Ic-Chairperson qal li s-segretarju rceva hafna ilmenti dwar is-safety f'dan il-gnien. Huwa ssugerixxa li ghandhom isiru gradi.

4.10 Is-Sur Anthony Formosa staqsa jekk hemmx sponsors rigward il-futboll. Ic-Chairperson qal li dan jezisti mal-'Urban Jungle' li se jaghti flokijiet kif ukoll xi ammont ta' flus. Barra minn hekk se jkellem negozji fil-lokalita ghal-xi sponsors.

4.11 Rigward l-akkwadott ic- Chairperson qal li dan ghadu ghaddej u qed jsir xoghol tajjeb hafna.

4.12 Dwar in-nuqqas ta' dwal fi sqaq il-fniek is-segretarju qal li dawn gew irrapurtati u dawn ghadhom jehlu fuq arbli li ghalihom hija responsabbli l-Enemalta.

4.13 Fuq l-istemma ic- Chairperson qal lis-Sur Rossi ilmenta **permess ta' ittra** li fil-laqgha pubblika, ic-Chairperson kien qal li l-publiku kien mistieden jaghti l-idejat tieghu. Ic- Chairperson qal li kif jinstema fir-recording xorta wahda il-kumitat kellu jiddecidi liema wahda tigi maghzula. Huwa qal ukoll li s'issa ma smajna xejn mill-ministeru rigward din l-istess stemma.

**5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.**

5.1 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li tezisti skema ghall-attivitajiet. Huwa qal li hu sejjer japplika ghaliha.

5.2 Rigward il-girja tal-5K, ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa issugerixxa li din ghandha tigi organizzata fuq jumejn. Is-Sibt isir Gieh Fleur-de-Lys u l-hadd issir il-girja li din tal-ahhar ghandha tkun abbonata ma' Puttinu Cares jew il-Community Chest Fund. Ikun sabih li jkun prezenti l-President ta' Malta. Id-data ghandha tkun is-Sibt 29 ta' Ottubru u l-Hadd 30 ta' Ottubru. Din l-attivita ghandha tinghata isem. Peress li ma tantx baqa' zmien bejn din il-laqgha u ohra ghandha ssir laqgha ohra biex isiru linji gwida ta' kif ghandu jintghazel il-persuna li ghandha tircevi 'Gieh Fleur-de-Lys'. Din il-laqgha sejra ssir fl-10 t'Awissu 2011 fil-5.00p.m. fir-residenza tac-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa. Wara, li jsiru dawn il-linji gwida jigu stampati formoli ghal pubbliku biex isiru n-nominazzjonijiet kif ukoll il-pubbliku ghandu jigi mgharraf rigward dan **minn avizz**i tal-knisja.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fis-6.50pm u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha, 2 ta' Settembru 2011, fil-5.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sur Ronald Briffa

Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv